**28 ta' Lulju, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Joseph Mizzi)

*versus*

Anna Debono u oħrajn

**Sentenza Mogħtija fl-Assenza ta' l-Imputat – Nullità**

*Il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali hija li meta sentenza tingħata fl-assenza ta' l-imputat, kemm is-sentenza kif ukoll il-proċeduri kollha li jkunu wasslu għaliha jkunu nulli.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputati talli f'dawn l-aħħar ġranet u fis-17 ta' Ġunju 1986, f'post li qiegħed 80 Old Bakery Street, Valletta, naqsu li jagħmnlu dak kollu li jinħtieġ biex jitneħħa s-sadd fid-drenaġġ jew mill-kanali jew katusi li huma komuni għal aktar minn fond wieħed;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati għall-Gżira ta' Malta tal-11 ta' Jannar, 1988 li biha ddeċidiet li l-imputati kollha, b'eċċezzjoni ta' l-imputat il-*Housing Secretary*, m'humiex ħatja u lliberathom mill-akkużi kollha, fil-waqt li sabet ħati lill-istess *Housing Secretary* ta' l-imputazzjoni dedotti kontrih, u wara li rat l-artikolu 117(3), 319 u 321 tal-Kap. 10 kkundannatu Lm10 ammenda u ordnat sabiex jottempera ruħu mal-liġi fi żmien xahar taħt penali ta' Lm2 kuljum fin-nuqqas għad-dewmien b'dan illi jekk ma jsirx ix-xogħol ta' riparazzjoni fiż-żmien stabbilit, dan jista' jsir mill-Prosekuzzjoni a spejjeż ta' l-imputat misjub ħati;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Albert Attard, Segretarju tad-

Djar, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull piena skond il-liġi;

*Omissis;*

Rat l-Atti tal-kawża li huma rilevanti għall-appell ta' Albert Attard;

Semgħet il-provi;

Ittrattat l-appell ta' Albert Attard;

Ikkunsidrat:

Illi kif ingħad din il-Qorti issa fadlilha biss quddiemha l-Appell ta' Albert Attard bħala Segretarju tad-Djar;

Fl-ewwelnett dan l-appellant qiegħed jilmenta li s-sentenza appellata hija nulla billi ngħatat kontra persuna li fiż-żmien ta' l-Akkuża ma kienx *Housing Secretary* u billi dakinhar li tat is-sentenza hu ma kienx preżenti;

Għal mument din il-Qorti sejra tieqaf fuq dan l-aggravju jew aħjar fuq parti minnu peress illi jekk jirriżulta evidentement skond il-ġurisprudenza konstanti ta' din il-Qorti kif ukoll skond il-liġi, is-sentenza appellata tiġi reża nulla, u ma jkunx hemm bżonn li jiġu kkunsidrati l-aggravji l-oħra li ressaq l-istess appellant;

F'dan il-kuntest din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenzi tagħha **Il-Pulizija *vs* Z. Calleja** tat-18 ta' Novembru 1976, **Il-**

**Pulizija** ***vs*** **Karmenu Debono** ta' l-1 ta' Diċembru 1977, **Il-Pulizija** ***vs*** **Anthony Magri** tas-6 ta' Diċembru 1984, **Il-Pulizija** ***vs*** **Ġorġ Fava** tal-31 ta' Mejju 1984 u **Il-Pulizija** ***vs*** **Stephen Caruana** ta' l-24 ta' April, 1986. Il-Ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti hija illi meta sentenza tingħata fl-assenza ta' l-imputat, kemm il-proċeduri kif ukoll is-sentenza jkunu nulli;

Issa f'dan il-każ mix-xiehda ta' l-istess appellant Attard mhix kontradetta, dak in-nhar illi ngħatat is-sentenza fil-konfront tiegħu huwa lanqas biss kien preżenti fl-awla. Dana jġib bħala konsegwenza n-nullità tas-sentenza fuq il-bażi ta' dak illi diġà ngħad. Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ċċitata in materja jiġi osservat ukoll illi bħala konsegwenza, apparti milli tiġi annullata s-sentenza appellata għandu jiġi deċiż ukoll il-proċeduri kollha li jkunu wasslu għaliha wkoll ikunu nulli;

Għal dawn il-motivi tipprovdi fuq l-Appell interpost minn Albert Attard billi tiddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi s-sentenza appellata u s-smigħ tal-kawża li pprċediha u wassal għaliha m'għandhom ebda effett legali u għandhom jitqiesu ineżistenti fil-konfront ta' l-appellant u li konsegwentement m'hemmx lok illi tipprovdi ulterjorment fuq dan l-Appell.